**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta' Jannar, 2016

Rikors Guramentat numru : 212/14 AL

AK B

vs

C D I.D. u b'digriet tad-19 ta' Novembru 2014 C D inhattret bhala kuratrici ad litem tal-minuri W G D u Direttur Registru Pubbliku

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi nhar il-25 ta' Marzu 2014 twieled il-minuri W G D skont l-Att tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok NKS 1 dan wara relazzjoni extra maRli illi ir-rikorrenti kellu ma l-intimata C D;

2. Illi ghalkemm l-intimata giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 14 ta' Mejju 2014 kif mitluba skont l-artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta (kopja legali hawn annessa u mmarkata bhala Dok NKS 2) debitament notifikata lill-intimata nhar it-30 ta' Mejju 2014 sabiex tipprezenta nota fejn tiddikjara li qed taqbel mar-registrazzjoni tar-rikorrent bhala il-missier naturali tal-minuri, l-intimata baqghet inadempjenti;
3. Illi il-minuri gie registrat fir-Registru Pubbliku mill-intimata b'Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 2026 tas-sena 2014 taht missier mhux maghruf, liema dikjarazzjoni hi ghal kollox falza u inveritjiera stante illi l-intimata D taf ben tajjeb illi ir-rikorrenti hu il-missier naturali;
4. Illi ir-rikorrenti ghandu interess illi jirrikonoxxi l-minuri bhala l-wild naturali tieghu;

Talab li l-konvenuti jew min minnhom jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet suesposti :

1) Tiddeciedi u tiddikjara li l-minuri W G D huwa iben naturali tar-rikorrenti AK B billi jekk ikun il-kaz tinnonmina espert mediku sabiex isiru it-testijiet genetici appoziti sabiex tigi stabbilita definittivament il-paternita' tal-minuri;
2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri W G D numru ta' iskrizzjoni 2026 tas-sena 2014 jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-att fejn hemm referenza ghall-konnotati ta' missier it-tarbija, il-kliem *unknown father* jigu sostitwiti bis-segwenti:

*AK B, karta ta' l-identita numru 463888 M, imwieled Pieta' u residenti Sliema iben P sive PP u R nata L;*

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Mejju 2014 kontra l-intimata minn issa ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament huwa indispensabbli għall-integR' tal-ġudizzju li jiġi imsejjaħ fil-kawża l-minuri W G D u li għandu jkun debitament rapprezentat minn kuratur jew tutur maħtur mill-Qorti, skond id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Illi l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi bla ħsara għall-premess f'każ li tintlaqa' l-ewwel talba tar-rikorrent jistieden lir-rikorrent AK B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-età tiegħu meta twieled il-minuri W, (2) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (3) jekk missieru kienx għadu ħaj meta twieled it-tifel W. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inseR fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmi W bin-numru ta' reġistrazzjoni 2026 tas-sena 2014;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri W a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D, li permezz taghha teccepixxi :

1. Illi preliminarjament jirrizulta li l-gudizzju mhux integru stante illi l-minuri W G D ma giex imsejjah fil-kawza odjerna u ma ghandhu l-ebda rapprezentanza legali;
2. Illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti qed jigu kontestati u ghandhom jigu michuda b'dan illi jigi rilevat umilment illi mhux fl-interess tal-minuri li huwa jkun jaf min hu l-missier naturali tieghu u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-proceduri odjerni;
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kaz illi dina il-Qorti tilqa t-talbiet tar-rikorrenti ghandu jigi ordnat, ai termini ta' l-artikolu 92 tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta, illi wara il-kunjom tar-rikorrenti jizdied kunjom l-esponenti;
4. Illi ghar-ragunijiet imsemmija l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza odjerna;
5. Illi l-fatti hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta C D;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tal-minuri W G D imwieled fil-25 ta' Marzu 2014 minn relazzjoni

bejn l-attur AK B u l-konvenuta C D. Min-naha taghha, l-konvenuta topponi ghat-talba ta' l-attur preliminarjament minhabba li jirrizulta li l-gudizzju mhux integru stante illi l-minuri W G D ma giex imsejjah fil-kawza odjerna, u fil-mertu peress li mhux fl-interess tal-minuri li huwa jkun jaf min hu l-missier naturali tieghu u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-proceduri odjerni.

**<u>Il-mertu tal-kaz</u>**

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxielux jipprova sal-grad rikjest mill-ligi illi il-wild W G D huwa il-wild naturali tieghu.

Il-Qorti tirrileva li l-minuri W G D twieled nhar il-25 ta' Marzu 2014 minn relazzjoni li l-partijiet kellhom bejniethom u dan jirrizulta anke mill-affidavitsipprezentati, inkluz tal-partijiet u mill-kontro-ezamjiet, fejn gie dikjarat miz-zewg partijiet li W G D huwa frott tar-relazzjoni li l-attur kellu mal-konvenuta C D. Fic-certifiikat tat-twelid l-attur ma giex indikat bhala missier il-minuri u ghalhekk il-minuri gie registrati li huwa ta' 'missier mhux maghruf'[1]. L-attur jghid li wara li pprezenta l-ittra ufficcjali ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta[2], huwa kellu bilfors jintavola dawn il-proceduri. Il-paternita tal-minuri tirrizulta mit-test tat-DNA esebit in atti[3] fejn gie ikkonfermat bil-gurament li l-minuri W G huwa verament il-wild naturali ta' l-attur AK B.

**<u>Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta C D u l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni, il-Qorti tirrileva li gie msejjah fil-kawza l-minuri W G li huwa rapprezentat mill-kuratrici tieghu li hija ommu l-konvenuta C D u dan sar permezz ta' verbal ta' din

[1] Ezebit bhala Dok NS1 a fol 4 tal-process
[2] Vera kopja ezebita a fol 6 tal-process
[3] Ara fol 59, fol 60 u fol 61 tal-process

il-Qorti datat 19 ta’ Novembru 2014[4], u ghalhekk il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-eccezzjoni.

**Dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta C D**

Illi l-Qorti tinnota li f’din il-kawza ingabru hafna provi fir-rigward ta’ din l-eccezzjoni. Din l-eccezzjoni hija wahda li kif issejhilha l-abbli avukat difensur ta’ l-attur fit-trattazzjoni taghha, *in extremis.* Il-konveuta f’din l-eccezzjoni qeghda in sintezi tghid li mhux fl-interess tal-minuri li jigi dikjarat min hu missieru. Madanakollu l-istess konvenuta, ma tatx raguni fir-risposta guramentata taghha ghalfejn mhux fl-interess tal-minuri li tigi dikjarata l-paternita’ tieghu, izda, fil-gbir tal-provi u fit-trattazzjoni jidher li l-konvenuta tirritjeni li l-attur huwa persuna aggressiva u vjolenti.

Hawnhekk il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-provi prodotti fir-rigward.

L-attur permezz ta’ affidavit[5] jixhed fit-tul, huwa jirrakkonta kif ghamel madwar tlett snin johrog mal-konvenuta. F’Jannar 2013 il-konvenuta kienet infurmatu li harget tqila b’tewmin u uriet ritratt lilu u lill-genituri tieghu ta’ *ultrasound*, izda fi Frar ta’ wara infurmatu li tilfet it-trabi. Il-konvenuta ippruvat titfa’ l-htija ta’ dan l-incident fuq l-attur peress li hu kien ibati minn kundizzjoni li skont hi ma kienx stharreg sew dwarha. Izda f’Lulju 2013 hija regghet harget tqila u ghal din it-tqala l-attur ried li jkun prezenti ghall-appuntamenti kollha. Izda f’Settembru 2013 bdew jinqalghu hafna argumenti bejn il-partijiet, l-attur kien jahseb li dan kien biss rizultat tat-tqala tal-konvenuta. Huwa jsemmi wkoll li kien hemm argument bejniethom f’Dicembru 2013 meta l-attur jghid li sforz ta’ dan l-argument, il-konvenuta girfitlu wiccu u huwa gidimha meta l-istess konvenuta dahlet idjeha f’halqu, missier il-konvenuta beda jheddu u gie missieru fuq il-post. L-attur jghid li kemm il-darba talab lill-konvenuta tirregistra lill-minuri fuq ismu izda l-konvenuta ma riditx. Ir-relazzjoni taghhom baqghet ghaddejja sakemm twieled it-tifel fil-25 ta’

[4] A fol 36 tal-process

[5] Ezebit a fol 17 tal-process

Marzu 2014, huwa jghid li ghamel tlett iljieli mal-konvenuta fil-*labour ward*. Wara bdew jinqalghu argumenti varji u dan peress li l-attur ma riedx li ritratti tat-tifel jittellghu fuq siti socjali, izda missier il-konvenuta tellgha ritratt tat-tifel u l-konvenuta bdiet tghidlu biex ma joqghodx jindahal. Hu jzid jghid li l-familja tal-konvenuta, senjatament missier il-konvenuta, bdew ikunu difficli u jirregolaw huma l-hinijiet x'hin jista' jara lil ibnu, allura huwa talab lill-ommu takkumpanjah. Huwa beda jissusspetta hazin fil-komportament tal-konvenuta ghax kienet titolbu li jiltaqghu mhux quddiem id-dar taghha izda post iehor. Kien hemm okkazjoni ohra f'April 2014 meta l-attur zelaqlu minn idejh il-bieb ta' barra tad-dar tal-konvenuta u missier il-konvenuta nizel jghidlu li jara lil ibnu meta jrid hu mhux meta jrid l-attur. Hu jghid li l-ahhar li ra lil ibnu kien fit-3 ta' Mejju 2014 u dan meta staqsa lill-konvenuta meta kienu se jmorru jirregistraw lil binhom u hi infurmatu li kienet irregistrat lill-minuri fuq "missier mhux maghruf". Hemmhekk inqala argument u l-konvenuta girfitlu ghonqu u kellu jaghmel rapport l-ghassa tar-Rahal Gdid.

Illi tixhed ukoll omm l-attur R B[6] li tikkonferma dak kollu li xehed l-attur fl-affidavit tieghu, izda zzid li l-attur kien jiftah qalbu maghha dwar l-inkwiet li kien ghaddej minnu mal-konvenuta waqt it-tqala u hija kienet ikkonvincih li dak li kienet qed tghaddi minnu il-konvenuta kien minhabba t-tqala. Tikkonferma wkoll li l-konvenuta qaltilha li ser tirregistra lill-minuri "missier mhux maghruf". Tikkonferma li meta kienet tmur tara lill-minuri d-dar tal-konvenuta kienet thossha stressjata u ippressata mill-familjari tal-konvenuta biex ma jdumux, tant li darba l-konvenuta kienet hadet it-tarbija minn idejn l-attur u infurmathom li jistghu jitilqu. Ix-xhud tghid ukoll li rat lill-genituri tal-konvenuta sorprizi meta saru jafu li l-partijiet kienu iffirmaw konvenju fuq propjeta' f'Santa Venera, u meta qaltilhom bl-ewwel tqala tat-tewmin, il-genituri tal-konvenuta ma kienu jafu b'xejn, u ghalhekk ix-xhud bdiet tissuspetta li l-konvenuta kienet qeghda tigdeb. Taht pressjoni, l-konvenuta ammettiet maghha li minn din it-tqala ma kien hemm xejn izda xtaqet ftit attenzjoni minhabba li l-attur kien involut hafna fil-kampanja elettorali. Ix-xhud tghid li

[6] A fol 26 tal-process

ikkonfermat li l-minuri gie registrat tlett ijiem wara li l-konvenuta infurmat lill-attur li kienet irregistratu.

Jixhed ukoll missier l-attur Carmel B[7] li in sintezi jikkonferma dak li qalet fl-affidavit taghha martu, R B. Izda jzid li fl-incident li kellu l-attur mal-konvenuta u missierha, sema' lill-missier il-konvenuta jhedded lill-attur, u minhabba f'hekk missier il-konvenuta cempillu u nsista mieghu li l-attur kellu jieqaf jattenti ghall-appuntamenti medici mal-konvenuta u minflok kellha tmur omm l-attur maghha.

Jixhed l-attur[8] u jipprezenta erba' kopji ta' kartolini[9] li l-konvenuta bghatet lilu u sett ta' ritratti[10] li fih tidher il-konvenuta mal-minuri W u ragel iehor li mhux l-attur u jikkonferma li fil-perjodu meta ittiehed ir-ritratt huwa ma thalliex jara lit-tifel. Permezz ta' nota[11], l-attur ipprezenta estratt mis-sit socjali mehud mill-profil tal-konvenuta[12]. L-attur ipprezenta wkoll nota[13] li fiha esebixxa messagg[14] allegatament mibghut mill-konvenuta lil omm l-attur.

Jerga' jixhed Carmel B missier l-attur *viva voce*[15] u jikkonferma dak kollu li xehed permezz ta' l-affidavit tieghu, izda jzid li l-konvenuta qatt ma qaltlu li l-attur huwa persuna aggressiva u li l-konvenuta qatt ma hadet lit-tarbija d-dar taghhom biex jarawh. Huwa jghid li missier il-konvenuta infurmah li ried jaghmel minn kollox biex ir-relazzjoni bejn il-partijiet ikissirha u jikkonferma wkoll li rcieva ittra legali biex ma jharisx lejn il-minuri.

Tixhed ukoll R B omm l-attur *viva voce*[16] u wkoll tikkonferma l-kontenut ta' l-affidavit taghha u tghid li la l-konvenuta u lanqas

---

[7] A fol 28 tal-process

[8] A fol 38 tal-process

[9] Ara fol 41, 42, 43, 46, 47, 48, 49, 50, 51 tal-process

[10] Ara fol 44 u 45 tal-process

[11] Prezentata a fol 66 tal-process

[12] A fol 67 tal-process

[13] Prezentata a fol 68 tal-process

[14] A fol 69 tal-process

[15] A fol 70 et seq tal-process

[16] A fol 77 et seq tal-process

il-genituri taghha qatt m'gharrfuha dwar xi allegazzjoni fis-sens li l-attur kellu karattru vjolenti u tikkonferma l-messagg ipprezentat mill-attur a fol 69 tal-process li tghid li rcevietu hi minghand il-konvenuta. F'dan il-messagg il-konvenuta taghmel l-apologiji taghha u stiednet lix-xhud taghmel kuntatt maghha jekk trid u x-xhud tghid li ma irrispondietx minhabba li kienet irceviet ittra legali minghand l-avukat tal-konvenuta li kienet qeghda tinterpella lix-xhud, lir-ragel taghha u lill-attur biex ma jersqux lejn il-minuri u lejn il-konvenuta. In kontro-ezami x-xhud ukoll tikkonferma li ma tafx b'incidenti ta' vjolenza bejn il-partijiet, anke meta darba fost l-ohrajn il-konvenuta raqdet maghha fil-festa tas-Sacro Cuor. F'dik l-okkazzjoni il-konvenuta kienet allegat illi kienet qalghet daqqa ta' sieq mill-attur, izda x-xhud tghid li il-konvenuta raqdet maghha ghaliex fil-kamra taghha kellha l-arja kondizzjonata u peress li l-attur kien illatika ma xi nies fil-festa.

Illi tixhed il-konvenuta[17]u tikkonferma li l-messagg fuq il-profil tal-*facebook* ghamlitu hi ghaliex ma riditx li l-attur jiehu ghalih u dan kitbithu minn jeddha, fejn fih qed tirringrazzja lill-attur u lil genituri tieghu tas-sapport tul it-tqala taghha. Izzid tghid li minkejja dan il-messagg, l-attur waqt il-hlas kien ikollu riha qawwija ta' sigaretti u diehel u hiereg ipejjep u darba minnhom telaq ghal tlett kwarti shah. Hija xehdet illi gieli hasset li l-attur ma kienx ta' sapport minhabba li ried jahdem iktar *long hours* li ma kienux parti mix-xoghol, u kien jaghmel xoghol extra ta' *canvassing* ma' kandidat partikolari fl-elezzjoni ta' l-MEP u hi xtaqet li jkun hemm limitu. Dwar l-argument ta' Dicembru 2013, meta l-attur allegatament gidimha, hi tghid li missierha rah ihebb ghaliha u li anke l-girien semghuh. Il-konvenuta zzid tghid li ma xtaqitx tmur taghmel rapport u certifikat ghaliex kienet imbezza' u riedet titkellem ma' l-attur. Hi tghid li tkellmet ma' R B dwar l-akkadut u R qaltilha li xtaqet li l-attur imur ghand psikologu. Tikkonferma wkoll li l-attur kien taha daqqa ta' sieq fil-festa u dan peress li l-attur kellu xi jghid ma' tal-festa u zammu missieru biex ma jitlax ghalihom, hemmhekk ukoll infurmat lill-omm l-attur R B b'li kien gara u tghid li l-istess R B irrabjat ma' l-attur ghax kien qed johloq panik fil-festa. Hi zzid

[17] A fol 86 tal-process

tghid li kien hemm hafna argumenti bejniethom u li l-attur kien jidghi u jghajjat. Argument partikolari kien inqala meta kienet ghadha kif harget mill-isptar u l-konvenuta riedet tinvolvi lill-attur billi qaqltlu biex ibiddel lit-tarbija, u peress li t-tarbija kienet qeghda ticcaqlaq, l-attur beda jidghi, u hezzez saqajn it-tarbija. Il-konvenuta bdiet titlob lill-attur imur ghall-korsijiet ta' *anger management* u l-attur qatt m'accetta, b'dan li fl-ahhar beda jheddidha li ha johdilha t-tarbija u missier l-attur kien jghidilha li ghad "tibki l-biki tad-demm" ghax ghad jiddispjaciha. Hi zzid tghid li baqghet tohrog ma' l-attur anke meta qalghet daqqa ta' sieq minghandu ghaliex kien skuza ruhhu u wieghed li mhux ha jerga' jaghmilha. Dwar l-affarijiet ghat-tarbija, l-attrici tghid li xtrat kollox hi salv sehem mill-*pushchair* li kienet hallset ghalih R B, omm l-attur. Hi tghid li t-tifel irregistratu fuq "missier mhux maghruf" mhux ghax xtaqet hekk imma minhabba li kienet tara theddid, dagha, riha ta' sigaretti min-naha ta' l-attur u kienet tibza' li l-attur se jiehu lit-tarbija.

Il-konvenuta tkompli tixhed permezz ta' affidavit[18] u tikkonferma hafna minn dak li diga xehdet permezz ta' affidavit precedenti izda zzid tirrakkonta diversi incidenti li l-attur kellu maghha u ma terzi fosthom fil-grawnd ta' Ta' Qali, u l-fatt li ma xtaqitx li jkollha x'taqsam sesswalment ma' l-attur izda kellha tibda ccedi minhabba li l-attur kien isir agressiv u jibda jidghi. Issemmi wkoll li f'Novembru tas-sena 2011 ghaddiet minn trawma u damet tlett gimghat sa ma harget minnha u dan peress li l-attur kien involva ruhhu fi glieda f'Lville, meta kien xorob u kien qieghed ikellimha guvni iehor, u minflok l-attur iddecieda li jmur ihebb ghalih, tant li tkeccew mill-post fejn kienu u spiccaw imdawwrin bi grupp guvintur li kienu lesti jaghtuhom xebgha. Tghid ukoll li f'Awissu 2012 l-attur kien qabad argument ma' huha ghaliex huha ma jhobbx il-politika u l-attur ried li bilfors jitkellem fuq il-politika u l-attur spicca jghajjar u joffendi lil huha. Hi tghid li kienet ghamja u kompliet tatih ic-cans. Il-konvenuta tghid li minn Jannar 2013 meta bdiet il-kampanja elettorali ma tantx kellhom cans jiltaqghu ghaliex il-konvenut kien qieghed jikkontesta l-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali, u minkejja li l-konvenuta kienet turih sapport, huwa ma kien juri l-ebda

[18] Ezebit bhala Dok CC1 fol 102 et seq tal-process

apprezzament. Fi Frar 2013 hasbet li kienet tqila u meta infurmat lill-attur qalilha li m'ghandux cans ghaliha, izda rat xi dmija u t-tabiba qaltilha li kellha "early miscarriage" u li possibiliment kienet tqala ta' iktar minn wild wiehed u qalet li dan kien perjodu ta' stress kbir ghaliha. Hi zzid tghid ukoll li meta saret taf bit-tqala in kwistjoni bdiet tahseb li l-attur se jinbidel u li kien se jkollhom familja normali. Matul it-tqala il-partijiet kien ikollhom hafna argumenti tant li f'Ottubru 2013 il-konvenuta spiccat kellha tidhol l-isptar b'ugiegh u hemmhekk irrakkomandawlha li tistrih. Izda hi tghid li l-attur tant ma urihiex rispett li f'Novembru 2013 bdiet tissusspetta li l-konvenut kellu wicc haddiehor u dan peress li f'Novembru ta' qabel sabet *chat* ta' l-attur ma' tfajla ohra, liema chat kellha kontenut vulgari u konnotati sesswali u fl-istess xahar waqt *seminar* li kienu qed jattendu ghalih il-partijiet, skopriet lill-attur f'kamra ma' tfajla ohra. Dwar l-incident ta' Dicembru 2013, izzid tghid li l-attur beda jhedded lil missierha u jistiednu ghall-glied u kif gie missieru fuq il-post fuq talba ta' missierha, missieru PP B skuza ruhhu, u xehdet li wara dan l-incident ma xtaqitx li l-attur jkompli jigi maghha l-isptar ghall-viziti. Waqt il-process tal-hlas il-konvenuta tghid li l-attur lejl wiehed biss raqad maghha u mhux tlieta kif qal hu. Wara li harget mill-isptar, bdew jinqalghu hafna argument, fosthom ghaliex l-attur ried jibda johrog bit-tarbija ta' ftit jiem u l-konvenuta ma xtaqitx ghaliex il-minuri kien ghadu zghir u hi kienet ghajjiena. Zzid tghid ukoll li meta wasal iz-zmien li tirregistra lit-tarbija, hadet xi pariri minghand professjonisti u iddecidiet li l-minuri tirregistrah fuq "missier mhux maghruf". Hi tghid li f'April 2014 meta inqala l-incident li l-attur zelaqlu l-bieb minn idejh, inqala incident bejn missierha u l-attur u l-attur infexx bhas-soltu f'tghajjir, ghajjat u storbju. Dwar l-incident tat-3 ta' Mejju 2014, il-konvenuta tghid li ma kienx minnu li l-partijiet marru jieklu izda meta hi infurmat lill-konvenut li kienet irregistrat lill-minuri fuq missier mhux maghruf il-konvenut beda jsabbat, infexx f'tghajjir u beda jsuq sparat sakemm wasal il-Fgura u geghla tinzel mill-karozza, hi kienet ghamlet lejl imwerwra. Sadanittant, tghid li l-attur ghamel rapport falz kontriha fis-sens li girfitlu ghonqu. Hi tghid li minn dak in-nhar l-attur qatt ma ghamel kuntatt maghha jew mat-tarbija u qatt ma xtara xi rigal lit-tarbija. Zzid tghid li kulhadd qalilha li ghamlet decizjoni tajba li m'ghadhiex mieghu u li dak li

qed jaghmel l-attur mhux ghax jinteressah mill-minuri izda qed jaghmlu biex jidher.

Illi jixhed permezz t'affidavit O D[19] missier il-konvenuta li jikkonferma hafna mill-affarijiet li xehdet dwarhom il-konvenuta izda jzid li darba kien ircieva telefonata minghand l-eks gharus tal-konvenuta li infurmah li l-attur kien heddu u kien ghajjat mieghu izda ma marx jaghmel rapport b'rispett taghhom. Jikkonferma wkoll li bintu ghamlet tlett gimghat biex tirkupra minn incident li kellha ma' l-attur fi stabbiliment f'Lville. Darba l-konvenuta kienet l-Isptar f'Gunju 2012 u kien hemm loghba futbol li xtaqet tara ma' l-attur, izda l-attur ma riedx u beda jirrabja u jidghi quddiem ix-xhud. Jghid li l-konvenuta kienet ghamja wara l-attur. Dwar l-incident ta' l-ahhar ta' Novembru 2013, huwa jghid li sema ghajjat gej minn barra u kif hareg biex jara x'gara, jsib lill-attur jagredixxi lill-konvenuta u hemmhekk l-attur hareg biex jidghi u jghajjat u beda jisfida lix-xhud ghall-glied, ix-xhud cempel lill-missieru li gie ghall-attur u li qal lix-xhud biex jiskuzah ghaliex it-tifel tieghu kien ser jghallih. Huwa ried li l-konvenuta taghmel rapport minhabba li l-attur gidimha izda l-konvenuta insistiet mieghu li ma xtaqitx. Darba minnhom wara t-twelid tat-tarbija kien sema' lill-attur jghidghi ma' tarbija ta' ftit jiem. Huwa kien jinnota hafna li l-attur kien ikollu riha taqsam ta' sigaretti, u ftit jiem wara wkoll kien sema' lill-attur jidghi fil-kamra tal-konvenuta u hareg wahdu u ma kellem lil hadd. Ix-xhud jispjega kif wara t-tifla cemplet lill-omm l-attur u min-naha l-ohra tat-telefon setghu jisimghu lill-missier l-attur li beda jghajjat u jitkellem hazin u beda jhedded li se jiehdu t-tifel lill-konvenuta filwaqt li omm l-attur ammettiet li kellu problema. Dwar l-incident meta l-attur zelaqlu l-bieb, ix-xhud jghid li bic-cajt qal lill-attur biex jibza' ghall-bieb tieghu, u l-attur ghajru lura buffu u dar biex ihebb ghax-xhud tant li kellha zzommu ommu.

Tixhed ukoll permezz ta' affidavit N D[20] li tigi omm il-konvenuta li tikkonferma dak kollu li qalu bintha l-konvenuta u r-ragel taghha O D, izda tirrakkonta izjed fid-dettal dak li gara meta l-konvenuta kellha l-ewwel tqala u zzid li l-konvenuta kien ikollha

---

[19] Ezebit a fol 111 tal-process

[20] Ezebit a fol 116 tal-process

diversi infezzjonijiet relatatti mar-rapporti sesswali li kien ikollha ma' l-attur, izda l-attur meta ikkonfrontat, dejjem innega li kellu relazzjonijiet ohra ma nista' ohra. Hija tikkonferma wkoll l-incident ta' l-Dicembru 2013 meta l-attur beda jistieden lill-missier il-konvenuta ghall-glied barra l-bieb tad-dar taghhom kif ukoll tikkonferma li l-attur gieli infexx jidghi fid-dar taghhom waqt li qed jara lit-tarbija. Izzid pero' li l-konvenuta kienet qeghda tbati biex tredda u l-minuri kien naqas fil-piz u dan kien kagun ta' inkwiet u stress li kienet ghaddejja minnu il-konvenuta dak iz-zmien.

Jixhed ukoll permezz ta' affidavit H D[21] li jigi hu l-konvenuta li jikkonferma li l-attur ghamel ghalih darba waqt *birthday dinner* tal-kugina tieghu u l-attur beda jheddu u jghajjat f'nofs ta' stabbiliment u jzid jghid li l-konvenuta kien jghidilha u jifthilha ghajnejha fuq l-attur izda hija kienet ghamiet fuqu u jikkonferma wkoll hafna mill-affarijiet li xehdu dwarhom il-konvenuta u l-genituri taghha.

Terga' tixhed *viva voce* l-konvenuta[22] li tikkonferma dak li kienet diga' qalet fl-affidavit u tipprezenta xi dokumenti fosthom chats li nizzlet hi li l-attur kien ikollu ma nisa' ohra. Il-Qorti wkoll staqsiet xi domandi lill-konvenuta f'din l-okkazjoni biex tara ghal-liema raguni minkejja l-komportament ta' l-attur, kompliet ghaddeja bir-relazzjoni taghha u l-konvenuta irrispondiet li l-attur kien ibezzaghha ghax jaqbad jghajjat. Il-konvenuta tikkonferma li l-attivitajiet politici ta' l-attur kienu jdejquha izda l-attur ipprezenta diversi ritratti fejn il-konvenuta tidher qeghda mieghu jew wahedha f'attivitajiet politici u il-konvenuta ammettiet li kienet tiehu sehem fihom hi ukoll, u tghid li l-unika haga li xtaqet li l-attur jnaqqas ftit mill-attivitajiet politici u jsib bilanc. L-attur ipprezenta wkoll sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 14 t'April 2015 li fiha l-konvenuta nstabet hatja, u li l-konvenuta ammettiet li nstabet hatja izda din is-sentenza giet appellata. Ikkonfermat ukoll li ghamlet gimgha vaganza f'Tenerife ma' l-attur u li meta l-genituri taghha kienu jsiefru kienet tmur toqghod ma' l-attur ghaliex ma kenitx tkun trid

---

21 Ezebit a fol 122 tal-process

22 Xhieda datata 7 t'Ottubru 2015 a fol 126 tal-process

toqghod wahedha u l-atturipprezenta email mibghuta mill-konvenuta li turi li hija kienet qeghda tara xi stimi biex torganizza it-tieg taghha mal-attur. Dan kollu gara fl-istess hin meta il-konvenuta xehdet li bdiet tibza' li l-attur se jigi jahtaf lil binha, jkunu barra u jigi jehodulha.

Il-konvenuta ipprezentat ritratti tal-gidma ta' jdejha[23], u kopja ta' chats li l-attur kien ikollu ma' nisa' ohra waqt ir-relazzjoni ta' bejniethom[24]. L-attur ipprezenta diversi ritratti tal-kampanja elettorali tas-sena 2013 li fihom kien hemm prezenti l-konvenuta[25], kif ukoll sentenza datata 14 t'April 2015 moghtija fil-konfront tal-konvenuta[26], kopja ta' email datata 8 t'April 2013[27] u estratt ta' gazzetta datata 26 t'Ottubru 2015[28].

Illi wara li l-Qorti ezaminat il-provi kollha migjuba fir-rigward ta' din l-eccezzjoni tal-konvenuta, tirrileva li jirrizulta li l-partijiet zgur li ma kienux qeghdin igawdu minn relazzjoni facli, anzi jidher li r-relazzjoni li kellhom kienet imzewqa b'hafna tensjoni sa mill-bidu taghha. Ix-xhieda migjuba quddiem din il-Qorti huma f'kuntrast dirett ghal xulxin, izda lil din il-Qorti certament jirrizultalha li jekk kien hemm xi nuqqasijiet, dawn kienu attribwibbli liz-zewg partijiet. Certament jirrizulta li fl-ahhar tar-relazzjoni kien hemm incident bejniethom, tant li l-partijiet spiccaw il-Qorti fejn inghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati. Iz-zewg partijiet ghadhom zghar, u t-tnejn li huma kellhom approcc relattivament immatur ghal din ir-relazzjoni, li minnha twieled il-minuri. Il-Qorti hija wkoll konvinta li certu atteggjament min-naha ta' l-attur seta' kien ahjar, ghax dan certament irreka dispjacir lill-konvenuta izda madanakollu ma jirrizultax li l-attur huwa persuna aggressiva u vjolenti. Il-konvenuta ma tikkonvincix bizzejjed lil din il-Qorti meta min-naha l-wahda tghid li l-attur kien aggressiv u vjolenti fil-konfront taghha u min-naha l-ohra tidhol fis-sit socjali taghha u tirringrazzja lill-attur u lill-familtu ghas-sapport li nghatat minghandhom. L-attur kien

[23] Ezebiti a fol 142 u 143 tal-process

[24] Ezebiti a fol 144 sa fol 164 tal-process

[25] Ezebiti a fol 165 sa 173 tal-process

[26] Ezebita a fol 174 tal-process

[27] Ezebita a fol 175 tal-process

[28] Ezebita a fol 177 tal-process

involut hafna fil-politika u jista' jaghti l-kaz li ma tax lill-konvenuta l-hin li kien jixirqilha u kif qalet il-konvenuta huwa *chain smoker*, izda dan kollu ma jaghti l-ebda poter lill-konvenuta li minn jeddha tagixxi kif agixxiet, u cioe' li tirregistra lill-minuri wahedha u taghmlu fuq "missier mhux maghruf", meta kienet minn dejjem taf li l-attur huwa missier il-minuri, kif juru l-kartolini ezebiti u kif xehedet hi stess. Il-Qorti wkoll tinnota li l-attur uza l-mezzi li taghtih il-Ligi biex jirrikonoxxi lil ibnu, b'dan li wara l-ahhar gurnata li kellem lill-konvenuta fit-3 ta' Mejju 2014, u wara li sar jaf li fis-6 ta' Mejju 2014 it-tifel ma giex registrat f'ishmu, mill-ewwel ha azzjoni u baghat lill-konvenuta ittra ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-attur flimkien mal-genituri tieghu, kien ghadu kif ircieva ittra minghand il-konvenuta biex ma jharisx lejn il-minuri u dan kollu juri li kien juri interess li jkun involut f'hajjet il-minuri. Ghalhekk huwa fl-interess tal-minuri li jkun jaf min hu missieru.

Illi l-ligi, senjatament l-artikoli 86A u 87[29] tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, Titolu II, Sub-Titolu III ma jaghtu lill-Qorti l-ebda diskrezzjoni li tiddeciedi li ma hux fl-interess ta' minuri li jigi irregistrat f'isem il-missier naturali. Anzi l-Qorti trid tilqa' dik it-talba jaghmilha min jaghmilha, u l-fatt wahdu li l-Ligi ma taghti l-ebda diskrezzjoni lill-Qorti f'dak li jirrigwarda l-Artikoli 86A u 87 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ladarba tkun giet issodisfata l-prova tal-filjazzjoni, jfisser li huwa fl-interess tal-minuri li jkunu jafu min huma l-genituri taghhom.

Madanakollu il-Qorti ghandha diskrezzjoni ai termini ta' l-Artikoli 90(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li wiehed jew wahda biss mill-genituri jezercita jew tezercita' d-drittijiet tas-

---

[29] *Artikolu 86A. (1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż- żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità flatti tal-istat ċivili relattivi. (2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85.*

*Artikolu 87. (1) Wieħed jista' jagħraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ fl-att tat-twelid, jew b'att ieħor pubbliku, qabel jew wara t-twelid. (2) Kull dikjarazzjoni ta' paternità jew maternità magħmula xort'oħra minn wieħed mill-ġenituri, jew mit-tnejn, jew magħmula minn minuri, tista' biss tinġieb bħala prova tal-filjazzjoni f'kawża ta' filjazzjoni.*

setgha tal-missier, u l-Qorti tista' tillimita wkoll l-ezercizzju ta' dawn id-drittijiet u f'kazijiet serji teskludi liz-zewg genituri mill-ezercizzju ta' dawk is-setghat. Il-Qorti, fil-kaz odjern, ma thossx li ghandha tapplika dan l-artikolu fil-konfront ta' l-ebda parti, u dan peress li ma jirrizultawx l-estremi legali dwar xi wahda mill-partijiet biex jigu mwaqqfa milli jezercitaw is-setghat taghhom ta' genitur, u certament mhux fuq il-bazi li l-partijiet kellhom l-argumenti u l-battibekki taghhom waqt ir-relazzjoni ta' bejniethom.

Ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti tara il-konvenuta ma kellha l-ebda raguni ghaliex ma tirrisspondix l-ittra mibghutha lilha mill-attur ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista ta' dan, il-Qorti qeghda tissollecita' lill-partijiet biex jirrikorru ghall-medjazzjoni ai termini ta' l-Avviz Legali 397/2003 biex jindirizzaw id-differenzi ta' bejniethom u jaslu ghal ftehim adegwat fl-ahjar interess ta' binhom.

**<u>Dwar it-tieni eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar it-tieni eccezzjoni li ddur fuq il-mertu tal-kaz odjern, il-Qorti tirrileva li l-attur irnexxielu jipprova t-talbiet tieghu u dan stante li apparti li l-partijiet qeghdin jaqblu fuq il-paternita' tal-minuri, dan huwa wkoll ikkonfermat mit-test tad-DNA esebit in atti li juri verament li l-minuri huwa l-wild naturali ta' l-attur AK B.

**<u>Dwar it-tielet eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar it-tielet eccezzjoni, il-Qorti tinnota li l-attur ivverbalizza l-konottati tieghu permezz ta' verbal datat 19 ta' Novembru 2014[30], meta huwa iddikjara li meta twieled il-minuri huwa kellu hamsa u ghoxrin sena, u dak iz-zmien kien jirrisjedi tas-Sliema, li missieru jishmu PP B li kien haj meta twieldet it-tarbija u li l-attur twieled il-Pieta'.

**<u>Dwar ir-raba' eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta C D</u>**

---

[30] ibid.

Illi dwar din l-eccezzjoni il-partijiet iddikjaraw li huma jixtiequ li l-minuri jibda juza l-kunjom ta' "B D" u dan skond kif gie ivverbalizzat konguntivament minnhom permezz ta' verbal datat 11 ta' Frar 2015[31] , l-Qorti rat li fl-ahjar interess suprem tal-minuri W G, il-minuri minn issa l-quddiem jibda jkun maghruf bhala W G B D.

## Decide

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-minuri Adreas G huwa l-wild naturali ta' l-attur AK B;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-Twelid tal-minuri W G D bin-numru t'iskrizzjoni 2026 tas-sena 2014, ihassar il-parti fejn hemm miktub 'unknown father' u minflok izid id-dettalji kollha ta' AK B bil-karta ta' identita' numru 463888(M) iben Carmel sive PP B li kien haj fiz-zmien tat-twelid tal-minuri, imwieled il-Pieta u li fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kellu hamsa u ghoxrin (25) sena u kien residenti tas-Sliema. Tordna wkoll li kunjom il-minuri W G jkun dak ta' B D.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu kollha a karigu tal-konvenuta C D.

[31] A fol 64 tal-process